MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 1668/1997/1

**Korporazzjoni Telemalta (Sezzjoni Arretrati) u b'nota tat-3 ta' April 1998 is-socjeta kummercjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti**

**Vs**

**Jacqueline Attard u b'digriet tal-11 ta' Ottubru 1999 isem u kunjom il-konvenuta gie korrett ghal Jacqueline Ahmed nee Attard ID 5172(M) u b'digriet tat-13 ta' Gunju 2001 il-kliem 'nee Attard' gew imhassra**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bihis-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attici s-somma ta' erba mija u erbatax-il lira Maltin u tmien centezmi (Lm414.08) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 687991 (skond kif

jirrizulta mill-statement Dok A anenssa mal-avviz) liema servizz gie stallat fil-fond “Mavis”, 4 Triq il-Bajja, M’Scala u dana skond ma jidher mis-‘service agreement’ anness mal-avviz Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tad-9 ta’ Gunju 1997 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Kif ukoll l-annessi dokumenti markat Dok A u Dok B a fol 2 u fol 3 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 26 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:.

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammonti rikjesti mhux dovuti mill-intimata.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat kif ukoll dak verbalizzat mill-istess konvenuta a fol 31 tal-atti in konnessjoni mal-istess eccezzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-Prokuratur Legali Noel Scerri (fol 33 et seq ibid) spjega illi l-ammont dovut mill-konvenuta in rigward is-servizz telefoniku bin-numru 687991, imsemmi fl-avviz, hu dak risultanti mill-anness Dok NS1 (fol 35 tal-atti) wara li titnaqqas is-somma ta’ Lm28.10,0 ossija spejjes imhallsin lir-Registru ta’ din il-Qorti, b’kollox Lm414.08,0. L-istess xhud kompla billi spjega illi, matul Lulju 1995, il-konvenuta kienet ghamlet talba sabiex l-istess servizz jigi mnehhi, liema talba waslet ghand is-socjeta attrici fid-19 ta’ Lulju 1995. B’referenza ghall-istess dokument markat Dok NS1, jigi notat li hemm ammont ta’ Lm6 li jidher li kien dovut wara din id-data u ghalhekk l-ammont pretiz fl-avviz ghandu jigi ridott ghal Lm408.08,0.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta, bhala prova, ipproduciet lil Sharif Ahmed (fol 38 u fol 39 ibid) ir-ragel taghha. Dan spjega illi martu kienet appikat ghas-serivzz in kwistjoni wara z-zwieg taghhom. Skond l-istess xhud, hu u martu kienu telqu mill-post in kwistjoni 'madwar in-1994" u hu, u mhux martu kien mar ' … qabel ma hrigna …' sabiex jinqata s-servizz. Izda s-socjeta attrici kienet insistiet mieghu '… li kellha tigi Jacqueline Attard'.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-premess, jidher illi, filfatt, it-talba ghat-tnehhija tas-servizz in kwistjoni, kienet saret kif xehed il-Prokuratur Legali Noel Scerri u illi is-socjeta attrici kellha ragun sabiex tinsisti illi t-talba relattiva issir minn Jacqueline Ahmet stante li kienet din li applikat ghall-istess servizz (ara l-imsemmi Dok B).

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, l-ammont kif hawn fuq ridott ghadu dovut mill-konvenuta u dan f'nuqqas ta' prova skond il-ligi ili l-istess ammont kien thallas minnha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talba attrici kif ridotta, u tikkundanna lill-istess konvenuta, Jacqueline Ahmed, sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm408.08,0 bl-imghax legali mid-9 ta' Gunju 1997 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes, stante li l-ammont kif ridott hu wiehed minimu, l-ispejjes ghandhom jithallsu, kollha kemm huma, mill-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------